MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Talba Numru. 791/2004

**Atlas Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta` estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Grima u l-istess Paul Grima**

**Vs**

**Aaron Cacciottolo**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta’ April 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm200.64 (mitejn lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) rapprezentanti danni ikkawzati f’incident awtomobilistiku fil-Gzira nhar il-11 ta’ Lulju 2003.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Din hija l-istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta’ danni fl-ammont ta’ mitejn

lira erbgha u sittin centezmu (Lm200.64 [Lm150.64 lill-attrici Elmo Insurance Agency Ltd noe u Lm50 lill-attur Paul Grima] minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Gzira fil-11 ta’ Lulju 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru ABB 429 haba mal-vettura Nru. KBC 678,l propjeta` tal-attur Paul Grima u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tat-3 ta’ Frar 2004, l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b’notifika wahda) presentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-imghax legali b’effett mit-3 ta’ Frar 2004 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba ta’ l-atturi ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ mitejn lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (lm200.64), ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut Aaron Cacciottolo, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizia u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta’ Paul Grima, illi kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBC 678, assikurata mas-socjeta` attrici Atlas Insurance Agency Ltd, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-habta saret kwazi fl-inkrocju dejn Belvedere Street, minn zewg nahat kwazi opposti ghal xulxin, taqghad ma’ Triq il-Flotta. Il-konvenut kellu “stop sign” qabel ma jisporgji ghal go din it-triq. L-attur ma kellu l-ebda

projbizzjoni u allura seta facilment jimmanuvra fl-istess triq.

Illi l-konvenut u l-apssigier li kellu mieghu xehdu li bhala xufier ha l-prekawzjonijiet necessarji qabel ma sporgja. Pero` t-tnejn qablu li l-vettura misjuqa mill-Attur Paul Grima huma ma rawhiex.

Illi l-istess skop proprio ta’ “stop sign” huwa ezattament biex igieghel vettura tieqaf. Tieqaf mhux ghal xi kapricc izda bl-intendiment biex jesplora t-triq li jkun hiereg fiha u ma jkunx ta’ periklu ghal xi utent iehor fit-triq. Dina tindika ukoll li t-triq ghal fuq liema qed jisporgi hija ta’ aktar importanza minn dak li kien fiha huwa nnifsu.

Veru li l-vettura tal-konvenut spicca waqaf wara l-habta aktar l-isfel mill-attur. Dana jista jkun ghal diversi ragunijiet. Pero` fil-fatt li ma rahx gej mill-faccata tieghu tindika nuqqas grossolan fis-sens li ma kienx qed izomm vizwali skjatta u debita ghal dak li kien qed jirrizulta quddiemha. Minn x’imkien l-attur gie minn quddiem. Tant ma rahx li nduna biha mid-daqqa. Anzi huwa zgur li ma giex mill-gnub tieghu, allura ta’ bilfors mill-faccata tieghu. Jigi ribadit li xorta ma rahx.

Illi ma jigi skuntrat l-ebda nuqqas u/jew kontribuzzjoni da parti tal-konvenut.

Illi l-quantum tad-danni ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigi abbordat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm200.64 (mitejn lira Maltin erbgha u sittin centezmu) inkwantu ghal Lm150.64 (mija u hamsin lira Maltin erbhga u sittin centezmu) lis-socjeta` assiguratrici u Lm50 lill-attur Paul Grima, bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------